MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 1212/1999/1

**Victor Agius u martu Maria Dolores Agius**

**vs**

**Michael Borg u b'digriet tad-9 ta' Ottubru 2000 giet kjamata in kawza Victoria mart Michael Borg**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-atturi fil-25 ta' Mejju, 1999, li in forza taghha, wara li ppremettew :

Illi fil-15 ta' Ottubru 1998 l-attur Victor Agius, li jiggestixxi il-Compass Car Hire f'Bugibba, kera zewg Maruti Jeep, fosthom dik nru LDK 848 lill-konvenut wara li dan qallu li riedhom biex, minn naha tieghu jerga jikrihom;

Illi l-konvenut kera l-vettura msemmija llil certu Kevin Cutajar , ID 61878(M) minkejja li fid-"Declaration Form"

jinghad specifikament li “Cover can only be granted to persons over 25 years of age” (Dok. A);

Illi meta kien bil-vettura f’idejh, f’Ta’ Qali, din sfat maqluba u ndarbu ghadd ta’ guvnotti;

Illi rizultat ta’ dana l-incident l-istanti sofrew danni li, meta zzid maghhom tlett liri (LM 3) ghall-atteniment tal-Police Report, jammontaw ghal elfejn mija u ghaxar liri (LM 2110);

Illi l-agir imprudenti, negligenti u ta’ nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut, meta kera l-vetturi msemmija bla “insurance cover” kien il-kagun li l-istanti sofrew danni;

Illi l-konvenut, msejjah biex jaghmel tajjeb ghad-danni baqa’ inadempjenti anzi tefa t-tort fuq Kevin Cutajar, sewwieq tal-Jeep imsemmija li mieghu l-istanti ma kellhom ebda relazzjoni;

Talbu li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjarah responsabbli ghad-danni kollha li rrizultaw lill-istanti kagun tal-agir tal-konvenut konsistenti f’nuqqas ta’ diligenza, fi traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti kif imfisser;
2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta’ LM 2110 – jew somma verjuri, li tillikwida l-Qorti occorrendo bl-opra ta’ periti nominandi;
3. Tikkundannah ihallas lill-istanti l-ammont hekk likwidat u dikjarat bhala dovut in linea ta’ danni;

Bl-ispejjez, komprizi LM 23 ta’ konsult u ittra tal-04.01.99, dawk tal-ittra ufficjali tat-22.03.99 u bl-imghax minn notifika ta’ dina c-citazzjoni kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-atturi;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Michael Borg, li in forza taghha huwa eccepixxa :

Fl-ewwel lok in-nuqqas ta’ integrita tal-gudizzju stante li ma gietx imharka mart il-konvenut;

Fit-tieni lok li l-attur messu qabel xejn agixxa kontra l-persuna li kienet qieghed issuq il-karozza;

Fit-tielet lok li l-incident kien tort ta’ karozza difettuza konsjata (sic) mill-atturi;

Fir-raba lok li l-konvenut bl-ebda mod ma kien hati ta’ xi negligenza jew nuqqas ta’ diligenza fil-konfront tal-atturi;

Fil-hames lok li t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat ir-rikors tal-atturi tas-6 ta’ Ottubru 2000 li permezz tieghu talbu li l-Qorti tordna is-sejha fil-kawza ta’ mart il-konvenut, Victoria Borg.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta’ Ottubru 2000 li permezz tieghu laqghet it-talba tal-atturi u ordnat il-kjamata fil-kawza ta’ Victoria mart Michael Borg.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Ottubru 2000 fejn irrizulta illi l-avukat difensur tal-konvenut ta ruhu b’notifikat ghall-kjamata fil-kawza u iddikjara illi Victoria Borg qeghda tassocja ruhha mal-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Semghet lix-xhieda li gew prodotti, rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-Qorti giet awtorizzata sabiex tghaddi ghas-sentenza u illi, minkejja illi l-avukati difensuri tal-partijiet inghataw l-opportunita sabiex jipprezentaw nota ta’ sottomissjonijiet, huma naqsu milli jaghmlu dan.

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-atturi jiggestixxu il-Compass Car Hire Bugibba u illi fil-15 ta' Ottubru 1998 il-konvenut, li jiggestixxi Michael's Car Hire il-Mellieha, talab lill-attur sabiex jikrilu zewg vetturi Jeep sabiex hu jkun jista jikrihom lil xi kliijenti tieghu turisti Germanizi. Mid-dikjarazzjoni ta' l-atturi irrizulta illi l-attur staqsa lill-konvenut x'eta kellhom dawn it-turisti u l-konvenut assigurah li dawn kellhom 'il fuq minn 25 sena u ghalhekk l-attur ikkonsenja lill-konvenut il-vettura Maruti numru LDK 848 u l-vettura Maruti LDK 849. Illi s-Sibt 17 ta' Ottubru 1998 xil-hdax ta' filghodu, l-attur irceva telefonata mill-pulizija tar-Rabat fejn gharrfuh illi l-Maruti LDK 848 kienet giet involuta f'incident Ta' Qali meta kienet qeghda tigi misjuqa mill-Iscouts u sfat maqluba. L-attur mar Ta' Qali u hemm hekk sab fuq il-post lis-Surgent li kienet prezenti u wara li l-pulizija accertaw ruhhom illi ma kien wegga hadd gravi hallew lill-attur jigbed il-vettura tal-ghamla Maruti lejn il-garage tieghu f'Burmarrad. L-attur ikompli jghid fid-dikjarazzjoni tieghu illi s-Sibt stess, mar il-Michael Car Hire sab hemmhekk lit-tifla minuri tal-konvenut, talabha il-Hire Agreement tal-Jeep Maruti Gypsy LDK 848, din ikkonsenjathielu u fil-fatt l-'agreement' jinsab esebit bhala Dok A mac-citazzjoni, u minn din il-car hire agreement irrizulta illi l-hirer kien certu Kevin Cutajar ta' Plot 23 New Mill Street, Mellieha b'indirizz addizzjonali Scouts Mellieha.

Illi l-attur irrinfaccja lill-konvenut u staqsih ghalfejn il-vettura ma kienitx ghand xi turisti Germanizi, izda ghand l-Iscouts il-konvenut wiegbu illi l-Germanizi kien zammewha gurnata wahda biss u allura hu kien kriha lill-Iscouts tal-Mellieha.

Illi mid-Dokument A, irrizulta illi l-hirer Kevin Cutajar kellu biss ghoxrin sena, mentri f'ras id-declaration form illi Cutajar iffirma lit-tifla tal-konvenut hemm imnizzel "Cover can only be granted to persons over 25 years of age".

Illi l-attur qabbad lil certu Natalino Agius biex jaghmillu ‘survey report’ tal-hsarat li sofriet il-vettura u dan irrilaxxja r-rapport esebit Dok B mac-citazzjoni u minn dan ir-rapport jirrizulta li b’kollox id-danni li sofra l-attur kienu ta’ elfejn mija u seba liri Maltin (LM2107). Dan is-‘survey report’ gie konfermat bil-gurament minn Natalino Agius.

Illi l-attur qabad u sewwa l-vettura hu a spejjez tieghu.

Illi irrizulta mix-xiehda ta’ WPC Jean Farrugia illi fis-17 ta’ Ottubru 1998 hija marret Ta’ qali wara li irceviet rapport illi kien hemm vettura Jeep tal-kiri bin-numru ta’ registrazzjoni LTK 848 maqluba fuq il-genb taghha.

Illi din il-vettura kienet qeghda tigi misjuqa minn xi Scouts li kellhom jiddahhlu l-isptar, izda irrizulta li dawn kienu qeghdin isofru feriti ta’ natura hafifa. Is-Surgent xehdet illi l-Jeep kienet proprjeta ta’ l-attur u li kienet qeghda tigi misjuqa fil-hin ta’ l-incident minn certu Kevin Cutajar mill-Mellieha.

Illi s-Surgent esebiet l-okkorrenza.

Ikkunsidrat :

Illi xehed is-sewwieq tal-vettura meta sehh l-incident in kwistjoni, certu Kevin Cutajar illi ikkonferma li fis-17 ta’ Ottubru 1998 kien qieghed isuq il-vettura Maruti Gypsy. Huwa xehed illi kienu hamsa fil-Jeep, tnejn quddiem u tlieta wara. Kienu Ta’ Qali u kienu qeghdin f’car park li kien kompletament vojt. Skond Cutajar, kienu ghaddejjin u f’daqqa wahda l-vettura gibdet fuq il-genb u inqalbet fuq il-genb tax-xellug taghha. Huwa xehed illi ma hemm l-ebda spjegazzjoni kif gara l-incident u ikkonferma illi kien miexi fid-dritt. Huwa xehed illi huwa twieled fis-26 ta’ Dicembru 1977 u ghalhekk meta sehh l-incident in kwistjoni huwa kellu ghoxrin sena (20). Cutajar xehed illi l-karozza kien kriha hu fuq ismu minghand Michael’s Garage li huwa proprjeta ta’ Michael Borg, il-konvenut, u meta kera l-vettura kien iffirma dokument. Cutajar kompla jixhed illi meta kera l-vettura kien hemm it-tifla ta’ Michael Borg u ma staqsietu xejn dwar assigurazzjoni u l-eta

tieghu u lanqas ma staqsietu kemm kellu zmien. Huwa ikkonferma illi kien iffirma d-Dokument A meta kera l-vettura in kwistjoni u gharaf il-firma tieghu fuq dan id-dokument. Mistoqsi, huwa xehed illi ma jafx kemm kellha zmien it-tifla tal-konvenut li kienet kritlu l-vettura. Cutajar ikkonferma illi fiz-zmien ta' l-incident huwa kien jifforma parti mill-Iscouts tal-Mellieha u li dana kollu li kienu ghamlu kien parti minn 'expedition' li fiha kellhom jaghmlu tlett granet 'expedition' b'vettura Jeep u meta gara l-incident kienet it-tielet gurnata ta' din l-'expedition'. Cutajar xehed illi l-ewwel gurnata ta' l-'expedition' ma kellux problemi bil-vettura, pero' fit-tieni gurnata li kienet dakinhar ta' l-incident, fit-telgha tas-Saqqajja tar-Rabat il-vettura ma kienitx qeghda tigbed. Huwa ikkonferma illi ma irritornax il-vettura meta ra li ma kienitx qeghda tigbed fit-telgha ghaliex ried jaghmel dak li kellu jaghmel ir-Rabat u f'dawk l-inhawi. Hu kellu hsieb li jiehu l-vettura lura aktar tard. Cutajar xehed illi wara l-incident huwa sar jaf li ma kienx kopert bl-assikurazzjoni u qal illi fl-ebda hin ma kien hemm xi pretensjoni kontra tieghu fis-sens li kellu jhallas xi danni.

Illi xehed ukoll certu Franklin Cutajar illi xehed illi fiz-zmien ta' l-incident kien jifforma parti mill-grupp ta' l-Iscouts tal-Mellieha u li kien riekeb fil-Jeep meta gara l-incident. Huwa ikkonferma dak li xehed Kevin Cutajar fis-sens li l-incident sehh ftit minuti wara li kien telqu minn l-Aviation Museum. Kienu f'car park u l-art ma kienitx asfaltata, kienet imharbta, bit-torba. Huwa xehed illi kienu ghaddejjin bil-vettura u f'hin minnhom il-Jeep inqalbet, pero' ma setghax jaghti raguni ghalfejn inqalbet. Huwa xehed illi kien riekeb fuq wara u illi dakinhar ta' l-incident kellu sittax il-sena. Huwa xehed ukoll illi ma jidhirlux illi dak il-hin ta' l-incident kienu ghaddejjin b'xi speed aktar milli jmiss.

Illi xehed ukoll Stephen Grima illi fiz-zmien ta' l-incident kien membru tal-grupp ta' l-Iscouts tal-Mellieha u li kien fil-vettura li kienet qeghda tigi misjuqa minn Kevin Cutajar meta sehh l-incident in kwistjoni. Huwa xehed illi waqt li kienu qeghdin f'car park li illum sar pitch tal-football inqalbu bl-imsemmija jeep. Huwa kien riekeb quddiem,

hdejn ix-xuffier, u wara kien hemm tlieta minn nies. Huwa xehed illi meta sehh l-incident in kwistjoni huwa kellu dsatax jew ghoxrin sena u ma setghax jghid ghalfejn il-Jeep kienet inqalbet. Huwa xehed illi qabel ma inqalbu kienu cemplu lil min kien krielhom il-Jeep biex jghidulu li l-'clutch' kien qieghed jisslippja. Huwa xehed ukoll illi l-karozza kienu ilhom jigru biha xi gurnata jew tnejn qabel ma kellhom l-incident. Huwa xehed ukoll illi l-gurnata ta' qabel l-incident kienu cemplu lil min krew il-vettura biex jghidulu bid-difett li semma, cioe' li l-'clutch' kien qieghed jisslippja. Huwa ftakar li kienu cemplu minn xi 'telephone box' f'Hal-Luqa peress li kienu hadu 'puncture'. Dwar il-fatt li kien qieghed jisslippja l-'clutch' ma setghax jghid ezattament x'kien id-difett, izda xehed illi l-vettura ma kienitx qeghda tigbed.

Ikkunsidrat :

Illi xehed ukoll Leonard Fenech, illi wkoll kien fil-Jeep meta sehh l-incident in kwistjoni. Leonard Fenech xehed illi dak iz-zmien kellu sittax il-sena u hu kien riekeb fuq wara, n-naha tad-driver. Fenech xehed li kienu bil-Jeep Ta' Qali u f'hin minnhom il-Jeep inqalbet, izda ma setghax jghid ghalfejn inqalbet. Huwa xehed illi fl-incident huwa sofra feriti u kellu 'concussion'.

Illi xehed ukoll Jordan Cutajar li kien riekeb fil-Jeep in kwistjoni meta gara l-incident. Cutajar xehed illi kien riekeb fuq wara n-naha tal-passiggier u hdejh kien hemm Leonard Fenech. Huwa sofra feriti kawza ta' l-incident u ma ftakarx fuq liema naha inqalbet il-Jeep. Huwa ftakar biss li kienu ghaddejjin ghad-dritt u ma jafx ghaliex gara l-incident in kwistjoni.

Illi xehed ukoll il-Kaptan Norman D'Amato li ikkonferma illi fil-bidu tas-sena 1998 kien Scouts Master fil-grupp ta' l-Iscouts tal-Mellieha, izda xehed illi meta gara l-incident in kwistjoni ma kienx jokkupa din il-kariga. Dwar l-incident in kwistjoni huwa xehed illi ma jaf xejn di xjenza proprja ghaliex dak iz-zmien il-grupp Scout leader kien certu Peter Abela.

Illi xehed Arthur Abela illi ikkonferma illi kien il-grupp Scouts leader tal-grupp ta’ l-Iscouts tal-Mellieha meta gara l-incident in kwistjoni.  Arthur Abela xehed illi kien gie infurmat bl-incident fil-gurnata li kien sehh.  Huwa qal illi dakinhar kien wegga wiehed  mill-Iscouts tal-grupp tieghu, li jigi wkoll in-neputi tieghu.  Huwa xehed illi f’dan l-incident kienu weggghu hames Scouts u meta sehh l-incident l-Iscouts li kienu involuti kienu fuq attivita li kienet organizzata mill-grupp ta’ l-Iscouts tal-Mellieha.

Illi xehed il-konvenut Michael Borg permezz ta’ affidavit u qal li ghandu negozju ta’ Car Hire u jopera taht l-isem ta’ Michael’s Car Hire u gieli jikru vetturi minghand l-atturi.  Il-konvenut xehed li fil-15 ta’ Ottubru 1998 kien kera zewg vetturi Maruti Jeep minghand l-atturi, u fosthom kien hemm il-vettura LDK 848.  Il-konvenut kompla jixhed illi kien gie ghandu certu Arthur Abela li kien il-head ta’ l-Iscouts tal-Mellieha u qallu li kellu bzonn Jeep ghal jumejn.  Huwa ma sab l-ebda problema peress li kien jaf lil Abela u gieli mar id-dar tieghu ghal xi parir.  Abela kien qallu li kellu jibghat persuna ohra biex tigbor il-vettura, certu Kevin Cutajar.   Izda meta Cutajar gie il-garaxx il-konvenut ma kienx hemm, kien hemm it-tifla tieghu li tatu formola biex jimliha u hallietu jiehu l-vettura.  Michael Borg kompla jixhed li ftit sieghat wara irceva telefonata minghand Kevin Cutajar u qallu li kien ha ‘puncture’ u staqsih fejn  seta’ jsib il-‘jack’.  Huwa qallu fejn seta isib ‘il ‘jack’ u staqsih jekk kellux bzonn xi haga.  L-ghada cempillu l-attur u qallu li sar jaf illi l-jeep kienet instabet maqluba f’Ta’ Qali fejn l-Aviation Museum.  Il-konvenut xehed illi meta kellem lil Kevin Cutajar, dan qallu li ma setghax jispjega kif kienu nqalbu.  Semmielu xi problema fit-tyres fis-sens li kien ra li l-ispare tyre li kien biddel aktar zghira milli suppost. Il-konvenut xehed illi Arthur Abela kien qallu li l-vettura ma kienitx qeghda tigbed izda ma kienx jaf ghaliex.  Huwa xehed illi dwar dawn iz-zewg affarijiet ma kienu qalulu xejn meta inqalghu.  Il-konvenut xehed illi kera l-vettura ghaliex hekk kien talbu biex jaghmel dan Arthur Abela.

Illi l-konvenut ma ressaq l-ebda prova ohra hlief li ipprezenta l-affidavit tieghu u l-Qorti giet awtorizzata sabiex tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ser tibda biex tezamina l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Illi l-ewwel eccezzjoni hija ta' nuqqas ta' integrita tal-gudizzju stante ma kienitx giet imharrka mart il-konvenut. Din l-eccezzjoni illum hija sorvolata peress, illi kif diga intqal, l-attur talab li tigi kjamata fil-kawza mart il-konvenut, il-Qorti laqghat din it-talba, u giet kjamata in kawza mart il-konvenut li tat ruhha b'notifikata bic-citazzjoni u assocjat ruhha mal-eccezzjonijiet tal-konvenut. Ghaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Illi t-tieni eccezzjoni hija fis-sens illi l-attur messu qabel xejn agixxa kontra l-persuna li kien qieghed isuq il-vettura. Illi l-Qorti sejra tirrispingi ukoll din it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u dana peress illi kif jirrizulta mill-provi il-kuntratt sar bejn l-attur u il-konvenut.

Illi irrizulta illi l-ftehim bejn l-attur u l-konvenut kien fis-sens illi l-attur kellu jikri zewg vetturi Maruti Jeep lill-konvenut sabiex l-istess konvenut ikun jista jikrihom lil xi klijenti tieghu turisti Germanizi. L-attur, fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, qal illi huwa kien staqsa lill-konvenut ghall-eta ta' dawn it-turisti Germanizi u l-konvenut kien assigurah illi dawn kellhom 'il fuq minn hamsa u ghoxrin (25) sena u kien ghalhekk illi l-attur ikkonsenja l-vetturi lill-konvenut. Il-konvenut bl-ebda mod ma ikkontradixxa din id-dikjarazzjoni tal-atturi.

Illi irrizulta mill-istess affidavit illi ipprezenta l-konvenut li l-konvenut gieli kera vetturi minghand l-atturi u l-iskop tal-kiri kien dejjem sabiex ikun jista jaqdi lill-klijenti. Il-konvenut ammetta illi hu kera zewg vetturi Maruti Jeep minghand l-atturi u qal illi huwa kera dawn il-vetturi lill-

head ta’ l-Iscouts tal-Mellieha certu Arthur Abela li qallu li kellu bzonn Jeep ghal jumejn. Skond il-konvenut, Abela qallu li kien ser jibghat persuna ohra biex jigbor il-karozza, certu Kevin Cutajar, u l-konvenut ammetta illi fl-assenza tieghu bintu tat formola lil Kevin Cutajar biex jimliha u hallietu jiehu l-karozza.

Illi minn ezami ta’ din il-formola jirrizulta illi Kevin Cutajar kellu ghoxrin (20) sena meta kera l-vettura minghand il-konvenut, mentri fil-ftehim illi iffirma mas-socjeta’ gestita mill-konvenut, Michael’s Car Hire, Cutajar iffirma dikjarazzjoni, liema dikjarazzjoni hija intestata b’dan il-mod “Declaration Form – Cover can only be granted to persons over 25 years of age” u ghalhekk irrizulta illi bint il-konvenut kriet din il-vettura lil persuna illi kien ghad kellu biss ghoxrin sena meta fl-istess “Declaration Form” hemm imnizzel illi persuni koperti b’assikurazzjoni sabiex isuqu vetturi mikrija lilhom mill-konvenut irid ikollhom aktar minn 25 sena.

Illi ghalhekk jirrizulta b’mod l-aktar car illi l-konvenut kiser il-ftehim illi huwa kellu mal-attur.

Illi huwa l-ftehim illi sar bejn l-attur u l-konvenut illi jorbot. L-attur ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma Kevin Cutajar li lilu l-konvenut kera l-vettura mikrija lilu minghand l-attur u ghalhekk l-attur mexa b’mod korrett meta huwa ipproceda fil-Qorti kontra il-konvenuti.

Illi l-Artikolu 960 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid kif gej :

“Il-kuntratt huwa konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn min-nies jew izjed, illi bih tigi maghmula, regolata, jew mahlula obbligazzjoni.”

Illi una volta illi jigu sodisfatti ir-rekwiziti kontemplati fl-Artikolu 966 tal-Kap. 16 u cioe :

*(a) illi l-partijiet ikunu kapaci biex jikkuntrattaw;*
*(b) il-kunsens ta’ dak illi jobbliga ruhu;*
*(c) haga zgura li tkun l-oggett tal-kuntratt;*

*(d) kawza lecita biex wiehed jobbliga ruhu.*
il-kuntratt ikun validu skond il-ligi.

Illi fil-kaz odjern, dawn l-erba rekwiziti huma sodisfatti u ghalhekk il-kuntratt verbali illi sar bejn l-attur u l-konvenut jorbot u jirregola din il-kwistjoni.

Illi ghalhekk din it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti qeghda tigi respinta.

Illi t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens illi l-incident kien tort ta' karozza difettuza konsenjata mill-atturi.

Illi din l-eccezzjoni ma giet bl-ebda mod ippruvata. Is-sewwieq tal-vettura, Kevin Cutajar, jghid illi dakinhar stess ta' l-incident il-vettura ma bdietx tigbed meta kienu telghin it-telgha tas-Saqqajja, izda ikkonferma illi flok qabad u irritorna l-vettura huwa baqa sejjer sabiex jaghmel dak li kellu jaghmel fl-inhawi tar-Rabat.

Illi siehbu Stephen Grima, li kien riekeb mieghu meta gara l-incident, ikkontraddixxa x-xiehda illi ta dan Kevin Cutajar billi qal illi l-gurnata ta' qabel l-incident huma kienu cemplu lil min krielhom il-vettura biex jghidulu li l-'clutch' kien qieghed jisslipja u xehed ukoll illi l-vettura ma kienitx qeghda tigbed. Izda Cutajar xehed illi l-vettura ma kienitx qeghda tigbed u ma semma xejn dwar illi l-'clutch' kien qieghed jisslipja u xehed illi ma qalux b'dan id-difett lil min krielhom il-vettura ghaliex kien bi hsiebu l-ewwel jaghmel dak li kellu jaghmel umbaghad jirritornalu l-vettura.

Illi Arthur Abela, l-Iscout Leader, ma qal xejn dwar xi difetti li setgha kellha l-vettura u l-istess konvenut xehed illi gurnata qabel l-incident Kevin Cutajar kien cempillu u staqsih fejn kien il-'jack' peress illi kien ha 'puncture'. L-ghada sar jaf illi sehh l-incident u meta kellem lil Kevin Cutajar dan kien qallu li ma setghax jispjega kif kienet inqalbet il-Jeep u kien dak il-hin illi semmhielu xi problema fit-'tyres', fis-sens illi l-ispare 'tyre' kien aktar zghir milli suppost u semmhielu wkoll illi l-karozza ma kienitx qeghda tigbed. Izda l-istess konvenut xehed illi huwa ma

kien jaf xejn dwar dawn iz-zewg difetti qabel ma inqala l-incident in kwistjoni u kien biss wara illi Kevin Cutajar kien semmihomlu.

Illi ghalhekk il-Qorti tara illi bl-ebda mod ma gie ippruvat illi l-vettura in kwistjoni kellha xi difett li setgha kien il-kawza ta’ l-incident u tara li dan ma kien xejn hlief attentat fjakk da parti tal-konvenut sabiex jipprova ifarfar mir-responsabbiltajiet tieghu u ghaldaqstant il-Qorti qeghda tirrispingi wkoll din it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti.

Illi r-raba eccezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens illi l-konvenuti ma kienu bl-ebda mod hatja ta’ xi negligenza jew nuqqas ta’ deligenza fil-konfront tal-atturi.

Illi l-Qorti tirrispingi wkoll dina l-eccezzjoni u tara li l-konvenut certament huwa hati ta’ negligenza u ta’ nuqqas ta’ deligenza fil-konfront tal-atturi, u dana peress illi huwa qabad u kera vettura lill-persuna li lanqas biss ma kien jaf x’jisimha u lanqas biss ma iltaqa maghha u fil-fatt irrizulta illi kienet bint il-konvenut illi kriet din il-vettura lil Kevin Cutajar minghajr ma staqsietu kemm ghandu eta u minghajr ma iccekkjat jew ghalinqas harset lejn id-data ta’ twelid illi nizzel Cutajar fil-formola illi mela, ghaliex kieku ghamlet hekk kienet tinduna illi ma kellux hamsa u ghoxrin (25) sena u dana fid-dawl tal-fatt illi fuq l-istess ‘declaration form’ tas-socjeta’ operata mill-konvenut hemm imnizzel illi ma tinghata l-ebda ‘insurance cover’ lill-persuni li ma jkunux lahqu l-eta ta’ hamsa u ghoxrin sena.

Illi l-hames eccezzjoni tal-konvenuti hija illi t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-Qorti tirrispingi wkoll din il-hames eccezzjoni tal-konvenuti peress illi irrizulta bl-aktar mod car illi t-talbiet kollha tal-atturi huma fondati fil-fatt u fid-dritt kif spjegat aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat.

Illi l-Qorti tirrileva wkoll dwar il-kwantum tad-danni illi l-konvenuti bl-ebda mod ma huma qeghdin jikkontestaw dan il-kwantum u ghalhekk tara illi l-atturi irnexxielhom

jippruvaw it-talbiet kollha taghhom fil-konfront tal-konvenuti.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza bil-mod kif gej : billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, tirrispingi it-tieni, it-tielet, ir-raba u l-hames eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa l-ewwel talba attrici u tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni kollha illi rrizultaw mill-istanti kagun tal-agir tal-konvenut konsistenti f’nuqqas ta’ diligenza, fi traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti kif imfisser; billi tilqa wkoll it-tieni talba attrici u tillikwida d-danni fl-ammont ta’ elfejn mija u ghaxar liri Maltin (LM 2110) – jew erbat elef disa mija u erbatax il-Euro u tmienja u disghin centezmu tal-Euro (€ 4914.98); billi tilqa t-tielet talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat u dikjarat bhala dovut in linea ta’ danni.

Bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghax kif mitlub kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------